## QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum, 15 ta' Frar, 2002.**

**Appell Nru 10/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Gordon Dalli**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Gordon Dalli talli fid-29 ta' Settembru, 2001 ghall-habta tas-6.50 am, f'Regional Road, San Giljan, saq vettura numru GMY-096 (**1**) b'giri aktar milli jmissu, (**2**) b'manjiera perikoluza, (**3**) b'manjiera traskurata, (**4**) u b'manjiera bla kont, (**5**) kif ukoll gewwa l-mini ta' l-imsemmija triq naqas li jixghel id-dawl, (**6**) qasam il-linja bajda kontinwa, u (**7**) naqas li jaghmel sinjal meta kien sejjer jaqbez vettura ohra jew ibiddel id-direzzjoni tieghu; il-prosekuzzjoni talbet lill-ewwel qorti sabiex din tiskwalifika lill-imsemmi Gordon Dalli mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal periodu ta' mhux anqas minn tlett xhur;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta' Jannar, 2002, li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Gordon Dalli hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu multa ta' sittin lira (Lm60) u skwalifikatu ghal tlett xhur mill-licenzja tas-sewqan;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Gordon Dalli, minnu ppresentat fil-21 ta' Jannar, 2002, li permezz tieghu talab ir-riforma tal-imsemmija sentenza kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; semghet ukoll bil-gurament lil P.C. 670 Walter Sheldon li ddeskriva s-sewqan ta' l-appellant fil-gurnata indikata fic-citazzjoni; rat ukoll il-fedina penali tal-appellant, ezibita mill-prosekuzzjoni; ikkunsidrat:

L-appell hu limitat ghall-piena. L-appellant jikkontendi li hu mill-ewwel ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu quddiem l-ewwel qorti. Tali

ammissjoni, pero`, ma tirrizultax mill-verbal ta' l-udjenza tal-10 ta' Jannar, 2002. Minn dana l-verbal, kif ukoll mill-istess sentenza appellata, pjuttost jirrizulta li kien hemm kontestazzjoni. L-appellant jilmenta in partikolari dwar l-iskwalifika milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal tlett xhur. Hu jghid li jahdem bhala xufier *full-time* mal-"Welcome Garage" u li d-diretturi ta' din l-azjenda diga gharrfuh li malli tibda fis-sehh l-iskwalifika hu kien ser jitkecca mix-xoghol.

Din il-Qorti ghamlitha cara f'diversi sentenzi taghha li minn hobzu jiddependi fuq il-licenzja tas-sewqan ghandu joqghod hafna aktar attent fis-sewqan tieghu proprju biex ma jipperikolax ix-xoghol tieghu. Wiehed m'ghandux jippretendi li ghax ix-xoghol tieghu huwa ta' sewwieq (sia jekk *full-time* u sia jekk *part-time*) allura jista' kwazi impunement jikser il-ligi in materja ta' sewqan, u jippretendi -- kwazi bi dritt -- li l-qrati ta' gustizzja kriminali ma japplikawx il-ligi fil-konfront tieghu b'istess mod kif japplikawha fil-konfront ta' persuni ohra li xoghlhom ma huwiex ta' sewwieq. Minn xoghlu hu ta' sewwieq ghandu, anzi, jaghti ezempju lil sewwieqa ohra ta' kif wiehed ghandu jsuq b'mod prudenti u konformement mar-regolamenti kollha tat-traffiku.

Ghalkemm l-appell hu limitat ghall-piena, din il-Qorti regghet semghet bil-gurament lil P.C. 670 Walter Sheldon biex tara ezattament fiex kien jikkonsisti l-ksur tal-ligi fil-kaz in dizamina. L-appelllant jirrizulta li kien qed isuq van b'xi nies fiha; is-sewqan tieghu jirrizulta li kien verament wiehed perikoluz (apparti li kien qed isuq b'velocita` eccessiva), specjalment meta huwa beda jaqbez minn korsija ghal ohra, minghajr ma jaghmel sinjal bl-*indicator*, gewwa wahda mill-mini ta' Triq Regjonali. Meta twaqqaf mill-kuntistabbli – u jirrizulta li ma kienx facli ghall-kuntistabbli li jilhqu bil-vettura tas-servizz – l-appellant qallu "Ghandek ragun, imma daqsxejn mghaggel". L-ghaggla certament ma tiggustifikax sewqan bi ksur tal-ligi u, aktar u aktar, sewqan ta' "cow boy" li jkun ta' perikolu ghal haddiehor. Fic-cirkostanzi l-piena ta' l-iskwalifika ghal periodu ta' tlett xhur, apparti li kienet fil-minimu taghha (ara l-Artikolu 15(2) tal-Kap. 65) kienet pjenament gustifikata; u din il-Qorti ma tara ebda raguni valida ghala ghandha tiddisturba tali piena, minkejja l-fedina penali nadifa tal-appellant.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-iskwalifika tibda ssehh minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.